**KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA**

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru mija u sebgħa (107) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2012, fis-6.47pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku, Noel Galea ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Charles Farrugia, d-Deputat Sindku kien skużat.

3. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu mgħoddija *b'e-mail* bħalma kienet ukoll mgħoddija l-Agenda ta' din is-seduta, flimkien mal-lista tal-ilmenti. Il-minuti msemmija kienu meħuda bħala moqrija, amendati skont kif riedu l-kunsillieri u kif jidher fuq il-kopja oriġinali (inizjalati mis-Sindku u s-SE) ġew approvati u ffirmati.

4. Is-Sindku informa 'l-KLM illi matul din il-laqgħa ġej fostna l-kappillan il-ġdid, Dun George Spiteri flimkien mal-Viċi Dun George Schembri sabiex niltaqgħu għall-ewwel darba uffiċjalment miegħu.

**Punti mill-Minuti:**

5. Dwar l-offerta tal-Knis tat-Toroq, is-Sindku staqsa lis-SE dwar jekk waslitx l-informazzjoni kollha li talbuna l-*Public Contracts Review Board )PCRB)*. Is-SE qal li hu spiċċa mar darbtejn b'din l-informazzjoni oriġinali għaliex dawn ma tawnhiex lista dettaljata ta' x'riedu u spiċċaw biex żammew id-dokumentazzjoni kollha oriġinali li kellna. Għad-domanda li kellu is-Sindku jekk sarux fotokopji ta' kull dokument, is-SE qal li bir-riżorsi umani li għandna bħal issa ma stajnhiex nieħdu dawn il-fotokopji prattikament *ta' lever arch file* sħiħ. Is-Sindku awtorizza lis-SE biex darb'oħra jżomm lill-Valerie Galea anke wara l-ħin (overtime), jekk ikun hemm bżonn sabiex tieħu fotokopji ta' dokumenti oriġinali bħal dawn, għaliex hekk tajna lill-uffiċjali tal-PCRB l-uniċi dokumentazzjoni li turi kif ħadna pożizzjoni aħna. Jekk document jonqos dan jista' jitfagħna fl-inkwiet. Hu staqsa lis-SE jekk Joseph Zammit, il-*bidder* li kienet se tingħata lilu l-offerta, imbagħad kienet ikkontestata minn *Dimbros Co Ltd* jistax jieħu avukat miegħu għal dan is-smiegħ tal-kuntratt li se jsir fis-16 ta' Ottubru, 2012. Is-SE informa 'l-KLM illi per eżempju llum l-aktar li persuna li kellha bżonn avukat kien hu stess, għaliex l-ewwel attenda *meeting* mal-*Paying Agency* dwar il-proġett tal-Mentna, waħdu, għaliex kemm is-Sindku u lanqas il-Perit tagħna ma tfaċċaw meta dawn heddewlna li se jaqtgħulna 3% mill-fondi allokati għall-proġett tal-Mentna u imbgħad kellu diversi mistoqsijiet imbarazzanti bħal per eżempju dwar x'dendel u ma dendilx fin-*notice board* u meta, vis a vis il-kuntratt tal-knis mill-uffiċjal li laqa' d-dokumenti tat-*tender*. Is-SE fakkar li talli avukat ta parir u kiteb ittra wara li ingħata it-tarmak fi Triq Ħal Kirkop quddiem residenza li qatt qabel ma kien hemm quddiema ftit qatran, dan swielna aktar minn €50. Is-SE qal li hu se jixhed is-sewwa u skont kemm terfa' l-memorja dwar dak kollu li seħħ rigward it-tender. Is-Sindku serraħlu moħħu li hu m'għandux għalfejn jinkwieta u kull min jitla' jixhed għandu jgħid biss kif seħħew il-fatti.

6. Dwar il-proġett tal-Mentna is-Sindku qal li sar aktar xogħol fil-konċentrament tat-*traffic junction.* Hawn Nicholas Briffa qal illi hu personalment iħoss illi l-bankina ġejja ħierġa 'l barra ferm aktar min-normal propju viċin l-istatwa tal-Kunċizzjoni. Noel Galea wieġeb illi din mhux kollha ser tkun għolja, għaliex hemm biċċa minnha se tkun *mountable* f'każ li jkun hemm

vettura kbira u ma tkunx tista' ddur. Is-Sindku kompla jgħid illi kull ma qiegħed isir, kollu qiegħed fil-pjanti approvati snin ilu u kulħadd kellu u għandu ċ-ċans jarahom.

7. Dwar il-proġett pilota is-Sindku qal illi daħlu l-aħħar kontijiet u issa li rċevejna il-€105,000 il-lejla se jitlob sabiex ikun approvat dan il-*part payment* lill-kuntrattur. Is-SE dak il-ħin stess fil-laqgħa kien imqabbad iħejji ic-*cheque.* Dwar pendenzi mal-kuntrattur, Nicholas Briffa qal illi meta konna qed nitħaddtu dwar dan il-proġett il-leġislatura kienet ta' tliet snin u mhux ta' ħamsa u suppost il-kuntrattur se jkun tħallas kollox u mhux veru li fadal sena oħra sabiex dan jinfeda. Noel talab lil Nicholas Briffa sabiex jara l-minuti għax ma kienx qed jgħid tajjeb. Is-Sindku kompla jgħid illi konn iddiskutejna u qbilna li ser nidħlu b'sena f'leġislatura oħra. Huwa żied li qatt fil-fondi li kellna allokati ma stajna nkopru l-ispejjeż kollha. Paul Spiteri sostna dak li qal is-Sindku wkoll. F'dan il-punt is-Sindku beda jaqra l-figuri li kien ta aktar kmieni is-SE minn fuq il-*Fixed Asset Register* ta' kemm swew it-toroq. Parti kbira minn dawn it-toroq jafu kemm jiswew il-pubbliku inġenerali għaliex is-SE kien ta d-dettalji tagħhom fil-ħarġa tal-fuljett tal-KLM ta' Ottubru 2011 u issa se joħroġ pubblikament il-figuri tal-kumplament tagħhom fil-ħarġa tal-fuljett ta' Ottubru, 2012. Intant is-SE kien mitlub sabiex jagħti *print out* mis-*Sage* tal-aħħar snin tal-proġett tat-toroq.

8. Is-Sindku semma' l-ħsara li ilha tiġi diskussa f'dawn il-laqgħat tal-KLM fi Triq tas-Sejba. Hu qal li riċentement marru jagħmlu rapport dwar dan il-każ l-uffiċjali ta' *Transport Malta.* Dawn niżlu fil-barriera ta' Andrew Scicluna u l-konklużjoni hija li l-ilma tax-xita (*run off* tal-wiċċ tal-barriera) qed jagħmel il-ħsara għaliex dan qed jaqleb lejn taħt Triq tas-Sejba fid-dagħbien. Dawn qed jipproponu li jħammlu wiċċ it-triq sal-livell tal-barriera u se jagħmlu wiċċ tal-konkos biex ma jibqax jippenetra l-ilma. Intant it-tabelli fi Triq tas-Sejba ġew tajbin, u r-rapport kellu jitla' għall-approvazzjoni tas-CEO ta' TM.

9. Dwar il-problema li nhar ta' Tlieta għaliex il-pubbliku xorta baqa' joħroġ l-iskart organiku barra t-triq, is-Sindku qal li se nagħtu ċans ieħor u se nġibu l-avviż fil-fuljett biex il-pubbliku jikkopera u joħroġ biss il-borża tal-iskart tar-riċiklaġġ. Is-Sindku qal li kontra qalbna kellna nneħħu l-kontenituri tal-*bring in site* ta' Triq il-Madonna tal-Ġilju. Hu ddeskriva dan is-sit illi kien f'post prekarju fejn il-BOV. Dan għaliex in-nies li kienu jattendu l-BOV, minkejja li kien hem mil-*cameras* tal-istess BOV, xorta kienu qed iħallu l-borża tal-iskart organiku maġenb l-istess kontenituri tal-iskart. Dwar id-deċiżjoni ta' Ħal Safi intqal li s'issa ma kellna l-ebda *feedback.*

**Agenda**

10. L-attivita' kulturali 'L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien' inżammet nhar il-5 ta' Ottubru, kif previst. Is-Sindku qal li għalkemm kellna ftit riżorsi f'fondi disponibbli, din kienet waħda tajba. Paul Spiteri qal li waħda mill-kritika li qlajna hi li n-naħa tal-każin ta' Sta Marija ma' kien organizzat xejn. Nicholas Briffa qal li ħafna mixhela kienet tajba iżda din setgħet kienet aktar qrib id-dħul tar-raħal anzi hu pppropona illi l-*istalls* jistgħu jiġu saħansitra mpoġġija fi Triq Karmenu Ciantar. Dwar l-attendenza u kemm din setgħet kienet affettwata mir-reklami, intqal illi kellna pubbliċita' fuq l-RTK, *feature* fuq il-gazzetta "In-Nazzjon" kif ukoll *coverage* fuq TVM. Is-SE qal illi peress li r-rotta tal-arti, cioe' l-esebiti kienu fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, post li kien magħluq għat-traffiku minħabba l-esebiti u li bil-fors riedet tgħaddi minnu l-banda, l-alternattiva hija li dawn darb'oħra jintremaw fi Triq il-Karmnu u b'hekk il-kritika li n-naħa tal-każin ta' Sta Marija 'ma jsir xejn' tinqata' awtomatikament. Is-SE qal li applikazzjonijiet sottometti lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn ikun hemm miktub li se jsir kunċert, qed jiġu skrutinjati sew u l-organizzaturi mqabbda saħansitra jaqilgħu abbulanza u jinħarġu ċertifikat ta' *Engineer* minħabba s-saħħa u s-sigurta'.

11. Is-seduta kienet sospiża fis-7.43pm għaliex ġie Dun George Spiteri u l-Viċi Dun George Schembri.

12. Minuti ta' din il-laqgħa qed jinżammu separatament.

13. Il-laqgħa kompliet fit-8:30pm.

14. Il-kunsillier Nicholas Briffa ma tax sehemu fid-diskussjoni dwar l-għażla ta' Ġieh l-Imqabba u ddikjara konflitt ta' nteress, peress li hu jiġi l-kuġin tar-raġel tas-Sinjura Barbara, waħda min-nominati għal dan l-unur. Paul Spiteri qal li s-Sinjura Barbara jimmerita' aktar għaliex din għamlet opra ta' karita' u att umanitarju, mingħajr ma jkun qed innaqqas xejn mill-mertu tas-Sinjura Farrugia. Wara li l-kunsillieri flew sew in-nomini, ddeċidew unanimament li l-unur jingħata lis-Sinjura Barbara minħabba l-ġest sabiħ li għamlet meta tat kilwa lill-oħta. Matul l-okkażjoni tal-20 ta' Ottubru se jingħata rikonoxximent lill-qraba tal-eks kappillan Dun Nazzaren Caruana għal ħidma tiegħu fostna. Aktar tard fi tmiem is-seduta is-SE ingħata l-awtorizzazzjoni sabiex jordna kuruna tar-rand u żewġ bukketti fjuri fuq *stand* għas-sala li mbagħad jittieħdu l-Knisja għall-okkażjoni li se ssir l-għada u ieħor għall-preżentatriċi kif ukoll kotba għall-istudenti li se jagħmluha ta' preżentaturi u *drink* għal bandisti.

15. Bi tħejjija għall-*Quiz* li se jsir fid-19 ta' Ottubru, 2012 fl-Iskola Primarja tal-Imqabba, is-SE kien mitlub sabiex jipprepara madwar tletin ċertifikat ta' parteċipazzjoni għall-istudenti li se jieħdu sehem, li kollha huma ġejjin mill-klassi tas-sitt sena. Dan il-Quiz se jsir għal ħabta tal-11:00am u t-*team* rebbieħ se jingħata mertu billi fis-serata ta' Ġieh l-Imqabba 2012, l-istess studenti (għaxra b'kollox) se jingħataw żewġ kotba kull wieħed u s-CD bl-Innu tal-Imqabba, mill-KLM. Grace Marie Mallia talbet lis-SE sabiex jixtri xi *refreshments* għal dawk li se jieħdu sehem fl-istess *quiz* wara s-solitu żjara li jagħmlu fil-Muniċipju tagħna.

**F'punti Oħra**

16. Is-Sindku staqsa lis-SE jekk is-Sinjura Carmen Lia ġabitx il-ktieb li ppubblikat hija stess biex narawh ftit qabel ma tittieħed id-deċiżjoni kif diskussa fil-laqgħa/t preċedenti. Is-SE wieġeb fin-negattiv.

17. Noel Galea informa lill-kunsillieri illi hu ltaqa' ma uffiċjali ta' *Heritage Malta* u dawn issa qed jitfgħu il-ħtija fuq il-kuntrattur tal-Kunsill illi l-istess katakombi imtela' bid-drenaġġ, minflok ma tefgħu it-tort fuq il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li hija leġittimament responsabbli għad-drenaġġ. Hu qal li dan l-iżbroff ma jidhirlux li seħħ minħabba li l-kuntrattur tagħna, *Schembri Barbros* ikkaġuna xi ħsarat fuq is-sistema tad-drenaġġ. Infatti is-Sindku żied jgħid illi dan kollu seħħ minn *blockage* tal-*waste water.*

18. Is-Sindku saħaq illi ssir manutenzjoni tat-toroq bil-patching bil-*cold asphalt* fi Sqaq fi Triq is-Siġġiewi, Sqaq tas-Serer, Triq iż-Żurrieq fil-parti li twassal lejn Ħal Millieri u Triq it-Torri.

19. Paul Spiteri qal li hemm bżonn li nqabbdu l-kuntrattur tal-knis tat-toroq sabiex inaddaw Triq it-Torri viċin ix-xibka tar-*runway* tal-ajruport ta' Ħal Luqa.

20. Grace Marie talbet ukoll sabiex issir manutenzjoni madwar sprall tal-ilma tax-xita li qed tiċċaqlaq fi Triq Karmenu Ciantar kantuniera ma Sqaq l-Isptar.

21. Kien konfermat li nhar it-Tlieta, 16 ta' Ottubru, ġej il-kor Żvediż jiddebutta fl-attivitajiet ta' Jum l-Imqabba ta' din is-sena. Se jsiru it-tħejjijiet mill-uffiċċju sabiex ikun provdut it-trasport minn u lejn il-lukanda kif ukoll xi *refreshments* għal wara l-kunċert ta' dawn l-istudenti ta' 15-il sena, li se jinżamm fis-sala tal-iskola. Is-Sindku qal li dawn se jżuri l-każini tal-banda wkoll u għaldaqstant se jkunu fostna għal 5:00pm.

22. Is-SE intalab jagħmel talba lill-Kappillan sabiex javża fi tmiem-il ġimgħa bl-attivitajiet li se jkunu organizzati għall-Jum l-Imqabba, b'mod speċjali bl-attivitajiet li se jsiru fis-16, 20 u l-21 ta' Ottubru.

23. Paul Spiteri talab sabiex jitneħħew xi knaten li fadal żejda fil-Pjazza tal-Knisja wara l-attivita' tal-5 ta' Ottubru.

24. Is-Sindku informa 'l kunsill bil-laqgħa li kellhom hu u s-SE mas-Sur Ivan Pierre Vella, uffiċjal ta' Transport Malta dwar id-diffikultajiet li qed jinħolqu fis-sistema tat-trasport bil-karozzi maqbużin fl-itinerarju. Hu qal li kemm is-Sur Vella kif ukoll xi uffiċjali oħra ikkoperaw magħna u spjegawlna kif isir il-moniteraġġ tas-sistema tat-trasport pubbliku fuq il-*monitors* tagħhom. Huma tawna spjegazzjoni ta' x'jista' jkun ġara meta karozza tal-linja ma tgħaddix minn fuq l-*istages* kif qed jiġri l-aktar fil-ħinijiet ta' fil-għaxija. Kien hemm suġġeriment illi l-itinerarju tal-karozzi tal-linja jiġi mpustat bieb bieb fil-fuljett tal-KLM minkejja li ma kienx hemm qbil dwar dan. Dan għal fatt li bħala KLM nistgħu nidhru li għandna kontroll fuq is-sistema – xi ħaġa li fir-realta' m'għandniex.

25. Il-laqgħa ntemmet fid-21:30pm u l-KLM se jiltaqa' ħmistax-il ġurnata oħra fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*23/ 10/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |